**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 3 ta' Dicembru, 2019**

**Talba Nru: 93/2019PM1**

**Stephen Bonnici (ID Nru. 009583(M))**

**Vs**

**No Deposit Cars Malta Limited (C85780)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Mejju, 2019 permezz ta' liema l-attur talab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lill-istess attur is-somma ta' hames mija hamsa u erbghin euro oltre l-imghax legali mis-7 ta' Dicembru, 2018 rapprezentanti ammont avvanzat mill-attur lis-socjeta` intimata bhala licenzji u insurance in konnessjoni ma' trattativi dwar xiri ta' vettura Peugeot 108 reg no. LDE395 liema bejgh ma mmaterjalizzax ruhu u kwindi ghandhom jigu rifuzi lill-attur bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra d-dokument anness mal-istess avviz senjatament ricevuta fl-ammont mitlub (a fol. 4 tal-process)

Ra r-risposta datata 20 ta' Mejju, 2019 permezz ta' liema s-socjeta` konvenuta wiegbet illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda fil-fatt u fid-dritt; illi l-bejgh tal-vettura Peugeot 108 targata LDE395 kien fil-fatt gie finalizzat bejn il-partijiet minn kull aspett izda gie sussegwentement unilateralment imhassar fuq insistenza tal-attur, salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda tal-attur u ra d-dokumenti ezebiti minnu waqt is-seduta tat-18 ta' Settembru, 2019.

Ra n-nota tal-istess attur datata 29 t'Ottubru, 2019 u d-dokument anness mal-istess.

Sema' x-xhieda ta' Luke Milton moghtija waqt is-seduta tad-29 t'Ottubru, 2019.

Ra n-nota tas-socjeta` konvenuta u d-dokument anness mal-istess nota.

Ha konjizzjoni tax-xhieda u l-provi kollha prodotti mill-partijiet rispettivi.

Sema' t-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi permezz ta' din l-azzjoni l-attur qed jitlob ir-rifuzjoni tas-somma mitluba imhallsa minnu, skont hu, bhala licenzji u insurance in konnessjoni ma' trattativi dwar xiri ta' vettura. Is-socjeta` konvenuta twiegeb billi teccepixxi illi l-bejgh ta' tali vettura gie finalizzat minn kull aspett salv li gie imhassar unilateralment mill-attur.

Illi t-Tribunal jinnota minnufih certa inkonsistenza fl-argumentazzjoni tas-socjeta` konvenuta u dana ghaliex, jekk min-naha wahda permezz tar-risposta taghha, teccepixxi li

l-kuntratt ta' bejgh tal-vettura gie konkluz (salv it-terminazzjoni 'unilaterali' fuq insistenza tal-attur), fit-trattazzjoni orali maghmulha mir-rapprezentant legali taghha pruvat targumenta illi, fil-fatt, il-kuntratt ta' bejgh ma giex konkluz imma s-socjeta` konvenuta hija intitolata li zzomm il-hlas maghmul lilha abbazi ta' principji li jirregolaw l-istadju pre-kuntrattwali. F'dan ir-rigward, waqt tali trattazzjoni saret referenza wkoll ghal dak deciz permezz tad-decizjonijiet fl-ismijiet **Pullen v. Matysik** (Appell deciza fis-26 ta' Novembru, 1971) u **Sammut v. Mizzi** (deciza fit-18 ta' Mejju, 1959).

Illi f'dan ir-rigward huwa car li t-Tribunal huwa tenut li jiddeciedi l-kawza entro l-parametri tat-talba u r-risposta kif prezentata ghall-istess mis-socjeta` konvenuta. F'tali risposta ma jsir ebda accenn ghal xi dritt naxxenti mill-istadju pre-kuntrattwali imma jinghad, fil-fatt, li s-socjeta` konvenuta hija intitolata li tirrifjuta r-rifuzjoni tal-pagament mitlub peress illi l-kuntratt gie validament konkluz. Aktar minn hekk l-istess risposta tikkoncedi wkoll li tali bejgh skont hi, validament konkluz, gie "*sussegwentement unilateralment imhassar fuq insistenza tal-attur*". Hawn ukoll l-argument tas-socjeta` konvenuta m'huwiex car – skont l-art. 992(2) tal-**Kodici Civili** kuntratt konkluz validament ma jistax jigi imhassar skont ir-rieda unilaterali ta' parti jew ohra imma biss bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet. Konsegwentement anke kieku l-attur insista ghat-thassir tal-kuntratt, is-socjeta` konvenuta setghet kienet gustifikata li tirrezisti tali insistenza u tipprocedi ghall-enfurzar tal-kuntratt.

Illi fir-rigward tal-konkluzjoni o meno tal-kuntratt ta' bejgh jinghad li l-art. 1347 tal-**Kodici Civili** jipprovdi li l-kuntratt huwa konkluz: "*malli jsir il-ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz, għalkemm il-ħaġa tkun għad ma ġietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun għad tħallas il-prezz.*" Fil-kaz in ezami jirrizulta car u fil-fatt jinsab inkontestat bejn il-partijiet illi ma gie ffirmat l-ebda kuntratt ta' bejgh jew transferiment xort'ohra (bhalma jista' jkun *hire purchase*) bejn il-partijiet u dana ghaliex l-attur iddecieda li ma jipprosegwix bil-bejgh u nforma b'dan lir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta l-ghada tal-jum li fih huwa ra u accetta li jixtri l-vettura (ara f'dan is-sens ix-xhieda moghtija minn Luke Milton waqt is-seduta tad-29 t'Ottubru, 2019 a fol. 23 tal-process). Konsegwentement ghal din id-decizjoni mhux

biss ma gie ffirmat l-ebda kuntratt imma l-vettura baqghet fil-pussess tas-socjeta` konvenuta. F’dan ir-rigward l-attur jiggustifika d-decizjoni tieghu billi jghid li meta dahal fuq il-pagna Facebook tas-socjeta` konvenuta hemmhekk induna “*li dak li kien qed jigi propost lili li nhallas is-somma mensili ta’ mija u disghin euro (€190) kull xahar fuq medda ta’ hames snin kien ferm aktar mill-prezz globali ta’ sitt elef u seba’ mija (€6700) kif indikat fuq Facebook*” (xhieda moghtija waqt is-seduta tat-18 ta’ Settembru, 2019 a fol. 15 tal-process).

Illi l-art. 1438 tal-**Kodici Civili** jipprovdi wkoll li: “*meta l-bejgħ hu ta’ merkanzija jew ta’ ħwejjeġ mobbli oħra, il-ħall tal-bejgħ, għalkemm il-kondizzjoni riżoluttiva ma tkunx ġiet miftiehma espressament, isir ipso jure fl-interess tal-bejjiegħ, jekk ix-xerrej, qabel l-egħluq taż-żmien miftiehem għall-kunsinna tal-ħaġa, ma jmurx biex jirċeviha, inkella, għad li jmur biex jirċeviha, ma joffrix fl-istess ħin il-ħlas tal-prezz, kemm-ildarba ma jkunx ġie miftiehem żmien għal dan il-ħlas.*”

Illi kif inghad ma rrizultax li, wara li giet infurmata mill-attur ma riedx aktar jixtri l-vettura, is-socjeta` konvenuta pruvat b’xi mod tenforza kwalunkwe drittijiet li hi setghet hasbet li kellha f’dan ir-rigward inkluz ghall-ezekuzzjoni tal-bejgh u fil-fatt permezz tar-risposta taghha teccepixxi illi l-bejgh gie imhassar. Ghalkemm l-istess socjeta` tikkontendi li tali thassir sar “*unilateralment*” u “*fuq insistenza tal-attur*”, ghat-Tribunal huwa car li s-socjeta` konvenuta accettat il-hall tal-bejgh meta l-attur infurmaha li ma kienx aktar interessat u fil-fatt baqa’ ma gabarx il-vettura minkejja l-ftehim li kellu jigborha l-ghada (ara f’dan is-sens ukoll ix-xhieda ta’ Luke Milton a fol. 23 tal-process), dana in linea ma’ dak provdut taht l-art. 1438 sopracitat.

Huwa kwindi car illi, konsegwentement ghal tali hall, kull parti ghandha tigi reza fl-*istatus quo ante*. F’dan ir-rigward irrizulta wkoll li l-hlas mitlub mis-socjeta` konvenuta u imwettaq mill-attur kien jirrapprezenta hlas ta’ licenzja u assikurazzjoni. It-Tribunal jinnota li ghalkemm Luke Milton in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta xehed li “*fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li dawn il-flus gew imhallsin lill-assigurazzjoni*”, mitlub

jezebixxi ricevuta fir-rigward tal-istess fil-fatt ezebixxa ricevuta datata 25 ta' Lulju, 2019 u li tindika hlas ta' tlett mija u tletin euro (€330) fil-15 ta' Jannar, 2019 b'kopertura li tmur mit-8 ta' Jannar, 2019 sal-31 ta' Dicebru, 2019 (fol. 21 tal-process). L-ircevuta ta' hlas mahruga lill-attur hija datata 7 ta' Dicembru, 2018 u kwindi huwa car ghat-Tribunal li meta l-ghada l-attur informa lill-konvenuta li ma kienx aktar interessat fil-bejgh ma kien ghadu gie imwettaq ebda pagament da parti taghha a favur tieghu. Kwindi, avut ukoll rigward ghal dak hawn fuq epurat in materja legali, xejn ma josta lis-socjeta` konvenuta milli tirrendi lill-attur fl-i*status quo ante* billi tirrifondi lilu l-pagamenti imhallsin minnu lilha ai fini tal-hlas ta' licenzja u assikurazzjoni dan ukoll ghaliex, anke in linea pre-kuntrattwali, kif argumentat minnha fl-istadju tat-trattazzjoni orali, m'hemm ebda danni li gew sofferti minnha bhala konsegwenza tan-negozju avvjat bejn il-partijiet filwaqt li l-kuntratt innfisu gie terminat wara li l-attur ma marx jigbor il-vettura u s-socjeta` konvenuta ghazlet li ma tagixxix ghall-enfurzar tal-istess imma zzomm il-vettura ghall-bejgh lil terzi.

Fuq kollox, id-dritt tal-attur ghar-rifuzjoni, tenut kont ukoll tal-fatt li s-socjeta` konvenuta zammet il-vettura *de quo*, jirrizulta wkoll in linea ekwitattiva skont l-art. 7 tal-**Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar**.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa' t-talba tal-attur jikkundanna lis-s-socjeta` konvenuta thallsu s-somma mitluba ta' hames mija u hamsa u erbghin euro (€545) bl-imghax legali mill-10 ta' Mejju, 2019 data tan-notifika lilha tal-azzjoni odjerna u bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**